MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Numru 783/2003

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Joseph Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Joseph Schembri detentur ta' karta ta' identita' numru 435060(m), akkuzat:

1. talli fil-21 ta' Settembru 2003 ghal habta ta' l-4.00 ta' filghodu kkawza hsara volontarja fil-proprjeta' "St Rita Service Station" ghall-valur ta' Lm53.60 ghad-dannu ta' Philip u Jane Gatt minn Hal Tarxien – dan bi ksur ta' l-art. 325 tal-Kap 9;
2. talli fl-istess lok, data u hin, ikkawza hsara fuq il-vettura tal-ghamla Renault, mudell Clio, ta' lewn griz u li

ghandha n-numru ta’ registrazzjoni RAS-007 ghall-valur ta’ Lm561.20 ghad-dannu ta’ Jane Gatt minn Hal-Tarxien – dan bi ksur ta’ l-art. 325(a) tal-Kap 9;
3. talli fl-istess data, hin u lok ikkaguna griehi ta’ natura hafifa kif iccertifikat minn Dr Chris Spiteri M.D tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid fuq martek Rita Schembri – dana bi ksur tal-art. 221(1) tal-Kap 9;
4. talli fl-istess cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dana bi ksur ta’ l-art. 338(dd) tal-Kap 9;
5. fl-istess cirkustanzi qal kliem oxen, indecenti u dagha bi ksur ta’ l-art 338(bb) tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika wkoll l-art. 383, 384 u 385 tal-Kap 9 ghas-sigurta’ ta’ din il-persuna hawn fuq indikata.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jippotizzaw ir-reat ta’ hsara volontarja u tal-feriti hfief kif ukoll l-offizi kontravenzjonali bil-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika u talli qal kliem oxxen jew indecenti fil-pubbliku. L-isfond li ta lok ghall-akkuzi huwa incident li sehh fil-21 ta’ Settembru ta’ tlett snin ilu meta l-kwerelanta kienet irritornat lura d-dar akkompanjata minn bintha, li allura kellha tlettax-il sena, fil-kumpanija ta’ ragel iehor, u habiba ta’ bintha tal-istess eta’ taghha, fil-hinijiet bikrin ta’ filghodu. Il-bint kienet komuni ghall-imputat u l-kwerelanta miz-zwieg izda li fi zmien l-incident kienet fil-kustodja tal-kwerelanta stante li l-konjugi kienu gja ‘de facto’ jghixu ghar-rashom pendenti proceduri ta’ separazzjoni bejniethom. L-imputat jidher li ha fastidju minhabba l-hin li martu kienet irritornat lura u

rrejagixxa b'mod u manjiera li ta lok ghall-incident. Dwar l-incident per se u l-konsegwenzi li ipprovokah din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-imputat ghandu jinzam unikament responsabbli billi mill-provi u l-fattispecie mhiex qeghdha tirrijavvisa ebda fattur ta' provokazzjoni. Dak li l-imputat assuma erronjament li seta' kien il-kaz ma kien minnu xejn u f'kull kaz kien dejjem fid-dover li juza cirkospezzjoni u jrazzan l-istat emottiv li bena fih.

Issa mill-provi jirrisulta li l-hsara volontarja giet attwata fuq proprjeta tal-genituri ta' martu, jew minn minnhom, senjatament fuq il-vettura tal-ghamla Renault Clio numru ta' registrazzjoni RAS 007, u lill-ambjenti tal-pompa tal-petrol bl-isem 'St Rita' sita f'Triq il-Barrani, Zejtun.

L-imputat bhala linja difensjonali principali, ghal dak li jirrigwarda l-akkuza tal-hsara volontarja, invoka l-Artikolu 332 tal-Kap 9 li jesigi, b'mod generali, l-kwerela tal-parti sabiex titmexxa l-azzjoni kriminali ghar-reati kontra hwejjeg ta' l-axxendenti jew hwejjeg tal-qraba bi zwieg fil-linja ta' l-axxendenti, fost ohrajn. Tali kwerela li hija wkoll esatta fir-rigward l-offiza hafifa fuq il-persuna ai terminu tal-Artikolu 221 tal-Kap 9.

Ikkonsidrat:

Illi fil-kawza in meritu l-kwerela tal-parti hi element essenzjali ghat-treggija tal-azzjoni u jirrisulta, fil-fehma ta' din il-Qorti, li t-termini ghall-kwerela valida skond l-Artikolu 537, rez applikabbli fil-konfront tal-kwerela bl-Artikolu 539, dejjem tal-Kap 9, ma gewx rispettati. Kwindi l-azzjoni ma setghetx tigi prosegwita u f'dan il-kuntest il-Qorti mhux qegheda tara r-rilevanza fil-kaz in ispecje tal-Artikolu 390(5) tac-citat Kap 9.

Illi relattivament ghall-offizi kontravenzjonali lanqas mhi l-Qorti qegheda tiddentifika li mill-provi dawn l-offizi jistghu ireggu kontra l-imputat. Ibda biex jinghad illi l-offiza kontravenzjonali tal-ksur tal-mistrieh u paci pubblika fic-cirkostanzi mhux sostenibbli stante illi l-incident ma kkreja

ebda kommuzzjoni fil-pubbliku u fir-rigward l-offiza l-ohra tal-kliem oxxen u indecenti l-fatt biss li intuzat mill-imputat il-kelma ‘qahba’ li hija parti mill-lexicon Malti certament ma jikkostitwixix l-offiza in parola.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi taqta’ u tiddecidi billi tillibera lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------